**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 839/97

John Cassar

vs

Chairman tal-Employment and Training Corporation

Illum 9 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1990-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma jinghatax varji posts kif hawn taht imsemmija:

| | | |
|---|---|---|
| | 1990 | Posts ta' Guidance and Counselling Officer (Case Officers) u Part-Time Trainers |
| | 1991 | Post ta' Marketing and Placement Executive |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | 1992 | Part-Time Trainer in Hotel and Catering Industry Skills |

Illi l-fatti tal-kazijiet kollha kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kellu esperjenza vasta f'dan il-Mistier peress li kien ghamel zmien twil jghallem bhala Teacher fil-Food and Beverage Service fil-Hotel and Catering studies Department fl-MCAST, Msida ghall-hames snin shah u sena u nofs ohra bhala Part-Time Lecturer II fl-Institute of Tourism Studies, St. Georges u kif ukoll kellu posizzjonijiet ta' Management Ezekuttiv mal-Lukandi varji.

(a) Illi f'Dicembru 1990 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Guidance and Counselling Officer (Case Officers) mal-Employment and Training Corporation, Hal Far. Illi huwa applika ghal dan il-Post. Illi huwa fatt li wara li rcieva l-acknowledgement ghall-applikazzjoni tieghu huwa qatt ma sema' xejn dwarha. Fil-frattemp f'Jannar 1991 kienet harget Call for application ghall-Part-Time Trainers. Illi huwa fatt li l-applikant kien staqsa lis-Sur Albert Sant, ETC Human Resources Manager dwar jekk hu (l-Applikant) ghandux jerga jibghat applikazzjoni ohra ghall-post ta' Part-Time Trainers. Is-Sur Albert Sant assigurah li ma kellux ghalfejn jerga jibghat applikazzjoni ohra minhabba l-fatt li l-ETC kien diga ghandha l-informazzjoni kollha necessarja dwar il-kwalifiki u l-esperjenza tieghu kollha fl-applikazzjoni li l-applikant kien ghandu kif baghat ghall-Post ta' Guidance and

Counselling Officers. Illi huwa fatt li l-applikant qatt ma ircieva acknowledgement jew xi tip ta' informazzjoni dwar x'sar jew x'gara dwar l-applikazzjoni tieghu ghall-Call for Application ta' Part-Time Trainers. Illi huwa fatt ukoll li kull darba li kkomunika mal-Human Resources Manager u kif ukoll mal-Ministru tal-Politika Socjali biex jara x'gara miz-zewg applikazzjonijiet tieghu, huma qatt ma tawh hjiel jew inkella ideja ta' x'kien gara minnhom. Dr. Louis Galea kien joqghod jittamah, jwieghdu s-support tieghu u juri simpatija tieghu mieghu pero' qatt ma jurih Solidarjeta'.

(b) Illi f'Awissu 1991 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Marketing and Placement Executive mal-Employment and Training Corporation, Hal Far. Illi huwa applika ghal dan il-Post. Illi huwa attenda ghall-interview fl-Ufficcini tal-ETC, Hal Far nhar l-Erbgha, 10 ta' Awissu 1991 u rrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu. Illi huwa fatt li ghall-ewwel l-ETC riedet timpjega persuna wahda f'dan il-grad u li dan il-Post kien diga gie mwieghed li certu Mr. Tabone minn Ghawdex u li fin-1987 kien ikkontesta l-Elezzjoni Generali f'isem il-Partit Nazzjonalista; pero' ftit wara gie deciz li flok wiehed jigu mpjegati tnejn min-nies f'dan l-istess grad. Illi huwa fatt konkret li filwaqt li Dr. Louis Galea waqt meeting li kellu mas-Sur Richard Muscat u s-Sur J. Borg Cardona ddiskuta l-kaz tal-applikazzjoni tal-applikant, is-Sur Albert Sant kien diga baghat ittra lill-applikant fejn informah li l-post kien imtela. Illi kien ghalhekk li wara din id-disfatta li l-applikant ma kellux triq ohra hlief li jmur ghand l-Employment and Training Corporation f'Hal Far biex jirregistra ruhu bhala

UNEMPLOYED decizjoni li ma tantx nizlet tajjeb mal-Ministru tal-Politika Socjali, Dr. Louis Galea, li l-hafna weghdiet fierha tieghu qatt ma mmaterjalizzaw.

(c) Illi f'Jannar 1992 kienet saret kampanja ta' publicita' mill-Employment and Training Corporation fejn kienet qed toffri sensiela ta' korsijiet ta' tahrig qosra lil persuni li kienu qed jirregistraw ghax-xoghol. Fost l-ohrajn l-ETC kienet qed toffri kors fil-Food and Beverage Service Theory and Skills. L-amministrazzjoni tal-ETC kienet taf li s-Sur John Cassar kien oltre kkwalifikat f'dan il-Mistier u li kien disokkupat u fejn anke kien irregistrat mal-istess Employment and Training Corporation bhala UNEMPLOYED u xorta wahda ma ghamlitx uzu mit-talenti, u s-servizz professjonali tieghu. Fil-fatt l-ETC uzat is-servizzi ta' Lecturers barranin li kien jghallmu fl-Institute of Tourism Studies St. Georges, St. Julians. Illi hija haga certa li s-servizzi ta' dawn il-Lecturers barranin qamu hafna aktar milli kieku kien gie mqabbad is-Sur John Cassar, bniedem b'esperjenza vasta fil-qasam tat-Taghlim u bi kwalifiki akkademici daqs u bhal ta dawk tal-Lecturers barranin.

Illi huwa kien bi hsiebu li jgib biex isostni l-ilmenti tieghu bix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib provi dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal

ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu u jinghata l-Appointment/s kif kien jisthoqqlu mid-dati msemmija hawn fuq, jew inkella jekk dan ir-Rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Chairman ETC li eccepixxa:

Illi l-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi ir-rikorrenti ezercitaw d-diskrezzjoni manigerjali taghhom sewwa u minghajr ingustizzja fir-rigward tar-rikorrent, sa fejn hu maghruf mir-rikorrenti.

Illi biex l-ezercizzju tad-diskrezzjoni manigerjali jigi sindakat minn gudikant ***ex post facto*** irid jigi muri minn min qed jallega ngustizzja illi min ezercita d-diskrezzjoni ghamel dan bi ksur tal-ligi jew tad-drittijiet ta' min kienu qeghdin jaghmlu ***assessement*** tieghu, bhal f'kaz per ezempju ta' diskriminazzjoni jew f'kaz fejn jigu kkunsidrati fatturi estraneji u mhux rilevanti ghal kaz in kwistjoni.

Illi fil-kaz odjern, hu r-rikorrent li jrid igib prova ta' dak li qed jallega.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ghar-rigward ta' Kaz "A" u cioe' 1990 - Posts ta' Guidance u Counselling Officer (Case Officers) u Part-Time Trainers semma li fit-22 ta' Dicembru 1990 applika ghall-Post Vakant ta' Guidance u Counselling Officer (Case Officers) wara li kienet harget Call for Application mill-Employment and Training Corporation. Il-grad ta' din il-posizzjoni kien kompatibbli mal-kwalifiki tieghu, kemm Teknici u kif ukoll Akkademici fis-suggett tal-Hotel and Catering Management u kif ukoll ma' l-esperjenza vasta fis-settur tal-lukandi. Wara li rcieva acknowledgement ma rcieva l-ebda hjiel u informazzjoni gdida fuq dan il-post vakant.

Ftit gimghat wara f'Jannar tal-1991 l-ETC kienet harget Call for Application ohra ghall-Part-Time Trainers. Semma li qatt ma rcieva la notifika u anqas acknowledgement anqas wara li cempel biex jivverifika. Zied li meta kellem lill-Ministru tal-Politika Socjali kemm-il darba dan qatt ma tah twegiba konkreta inkluz wara li kellu meeting mieghu.

Fir-rigward ta' kaz "b" u cioe` il-post ta' Marketing u Placement Executive hu applika fl-10 ta' Awwissu 1991. Hu sostna li z-zewg postijiet vakanti kienu gja mwiegheda. Mar ghall-interview. Sostna li dan il-post kien diga imwieghed lil persuna Ghawdxija bil-kunjom ta' Sur Tabone, l-ETC ziedet ir-rikjesta taghha ghal tnejn minn nies. Zied li s-Sur Tabone ma kellu l-ebda Kwalifiki jew Diploma konnessa b'xi mod ma' dan it-tip ta' xoghol jew tahrig vokazzjonali. Wara mar jirregistra bhala unemployed.

Fir-rigward tal-kaz "c" u cioe` Part-Time Trainer in Hotel and Catering Industry Skills fit-3 ta' Jannar 1992, l-ETC bdiet kampanja ta' reklamar fejn fost ohrajn offriet korsijiet qosra ta' tahrig fil-Food and Beverage Service u Food Preparation and Production. Dawn il-korsijiet qosra kienu mmirati ghal nies li kienu qeghdin jirregistraw ghax-xoghol mal-istess ETC. L-ETC ma offrietx il-post lilu izda lil instructors u lecturers barranin.

Xehed li "Fuq l-ewwel wahda l-ilment tieghi hu bazat fuq il-fatt li jiena ma rcevejt xejn, la jekk hux il-post abolished, la jiena mhux tajjeb ghalih, ebda komunikazzjoni dwaru. Ma nafx jekk giex appuntat xi hadd f` dan il-post ghax m` inix f` pozizzjoni li nkun naf. Mistoqsi dwar il-post ta` Marketing and Placement Executive li kien gja assenjat ghal haddiehor u kif jiena nista` nghid dwaru nghid li jiena fil-fatt dokumentazzjoni m` ghandix… pero` jiena kont gejt infurmat li kienet gja giet maghzula persuna li kienet sejra tahdem Malta. Effettivament kellhom problemi li din il-persuna li kienet sejra tahdem Malta ma kenitx finalment accettat

il-kumpens li kien qieghed jigi offrut u infatti kellhom isiru xi laqghat fil-Ministeru anke ma` ufficjali gholja tal-istess Ministeru."

Fid-9 ta' Novembru 2000 Dr. Borg Cardona ghall-korporazzjoni intimata ddikjara li l-intimati ghamlu ricerki biex isibu dawn il-postijiet li r-rikorrent ghamel referenza ghalihom pero` li minhabba li dawn kienu reklamati hafna snin ilu r-records ma nstabux.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-Tribunal ihoss li l-provi li pproduca r-rikorrent huma limitati hafna. Izda sfortunatament dawk li pproduciet il-korporazzjoni intimata huma non ezistenti. Dwar il-provi tal-korporazzjoni intimata din haslet idejha kompletament billi fid-9 ta' Novembru 2000 iddikjarat li minhabba li ghaddew hafna snin ir-records ma nstabux waqt li fir-risposta sostniet li gie ezercitat id-diskrezzjoni manigerjali b' mod li ma giet imwettqa ebda ingustizzja. Illi certament dan jista' jkun sufficjenti li kieku ir-rikorrent ma jgib provi ta' xejn izda jekk igib provi li sufficjentement jikkonvincu lit-Tribunal li saret ingustizzja, anke jekk tali provi m' humiex xi provi dettaljati u elaborati dawn il-provi tar-rikorrent jistghu jkunu sufficjenti.

Ir-rikorrent isemmi tliet istanzi ta' ingustizzja minhabba li l-korporazzjoni intimata ma mxietx kif suppost fil-konfront tieghu. Isostni li wara li applika ghall-post ta' Guidance and Counselling Officer mal-korporazzjoni intimata qatt ma sema' xejn ghalkemm

diversi drabi pprova jikkuntattja lill-korporazzjoni intimata u li anke kellem lis-Sur Sant. Illi veru li hawnhekk il-provi huma zghar pero` certament kien jinkombi fuq l-istess korporazzjoni li tghid jekk tali post imteliex, minn min, u xi kwalifiki kellu l-kandidat l-iehor li gie maghzul jekk fil-fatt intghazel xi hadd u jekk ma ntghazel hadd ghaliex ir-rikorrent ma kellux ir-rekwiziti necessarji.

Dwar il-call for application ghall-post ta' Marketing and Placement Executive ir-rikorrent ma gabx il-provi dwar il-kwalifiki u esperjenza rispettiva la ta' Tabone li gie appuntat u anqas tal-persuna l-ohra li allegatament giet nominata. Kien jinkombi fuq l-istess rikorrent li jipprova jharrek lil xi hadd mill-korporazzjoni biex jixhed dwar dan. Huwa veru pero` li l-imsemmi verbal tad-9 ta' Novembru 2000 qata' l-possibiltajiet kollha lir-rikorrent li jaghmel provi ghax skond l-istess korporazzjoni records ma nstabux.

Fl-ahhar ir-rikorrent ilmenta mill-ingustizzja li l-korporazzjoni hatret lecturers barranin biex jaghmlu korsijiet ta' tahrig fuq Food and Beverage Service Theory and Skills. Hawn ukoll il-korporazzjoni ma gabet ebda prova dwar kwalifiki komparattivi tar-rikorrent u ta' min inhatar izda ghazlet biss li tghid li r-records ma nstabux u li din hija diskrezzjoni manigerjali.

Illi dwar l-ewwel u t-tielet aspett it-Tribunal ihoss li kien jinkombi fuq il-korporazzjoni intimata li taghti l-gustifikazzjoni taghha. Tali nuqqas bilfors kellu jwassal lil dan it-Tribunal li jhoss li saret

ingustizzja. Dwar it-tieni parti tal-ilment it-Tribunal ma jhossux sufficjentement pruvat. Izda dwar l-ewwel u t-tielet aspett tal-ilment l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni qed jigu michuda u t-Tribunal bilfors ikollu jasal ghal somma arbitrio boni viri ghax ir-rikorrent ma gabx provi sufficjenti dwar id-danni li sofra.

Ghaldaqstant filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata dwar it-tieni aspett tal-ilment, jilqa' l-ewwel u t-tielet aspett tal-ilment wara li cahad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni intimata f' dan ir-rigward u jirrikmanda hlas ta' kumpens mill-korporazzjoni intimata lir-rikorrent ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

Spejjez kontra l-korporazzjoni intimata.